**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 141/2018 RM**

**Fl-Atti tal-Ittra Ufficjali, mahruga ai termini tal-Artiklu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-ismijiet:**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta**

**Vs**

**Nazzareno Bartolo**
[K.I. 462061M]

**Illum 8 ta' Ottubru, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-4 ta' Gunju 2018 fejn l-Avukat Noel Bezzina debitament awtorizzat, iddikjara u bil-gurament ikkonferma illi:-

*Illi l-ittra ufficcjali fuq premessa inharget ai termini tal-Artiklu 166A tal-Kapitolu 12, tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront ta' Nazzareno Bartolo, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 462061M, nhar id-19 ta' Settembru, 2008.*

*Illi l-imsemmija ittra giet debitament notifikata lill-intimat kif jirrizulta mit-timbru tal-Marixxal ta' l-1 ta' Ottubru, 2008.*

*Illi l-imsemmija ittra giet reza ezekuttiva fil-konfront tal-intimat nhar l-14 ta' Novembru, 2009 u dan skont ma jirrizulta mit-timbru ta' Romina Borg, Deputat Registratur tal-Qarti tal-Gustizzja.*

*Illi l-ammonti indikati fl-ittra ufficjali fuq indikata, flimkien ma' l-imghaxijiet u l-ispejjez, ghadhom dovuti lil Korporazzjoni esponenti, pro et.*

*Illi mid-data ghaddew aktar minn hames (5) snin u l-esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.*

*Ghaldaqstant l-esponenti filwqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi t-titolu fl-ismijiet fuq indikati.*

Rat illi r-Rikors gie appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-4 ta' Lulju 2018;

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2018 ordnat illi r-Rikors promotur jigi notifikat lill-intimat Nazzareno Bartolo li nghata zmien ghaxart ijiem biex iwiegeb;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat bir-Rikors promotur fit-18 ta' Lulju 2019[1] baqa' ma wegibx fiz-zmien lilu koncess u lanqas deher sabiex jikkontesta t-talba attrici;

Semghet ix-xhieda ta' Reuben Bonnici in rapprezentanza tal-Korporazzjoni rikorrenti;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Illi din hija talba sabiex il-Qorti tawtorizza l-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv ottjenut bis-sahha ta' ittra ufficjali pprezentata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-atti jirrizulta illi fid-19 ta' Settembru 2008[2] il-Korporazzjoni rikorrenti kienet ipprezentat ittra ufficjali (Numru 3913/08) fil-konfront tal-intimat Nazzareno Bartolo ghall-finijiet tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12, liema ittra[3] jidher li giet notifikata lill-istess intimat fl-1 ta' Ottubru 2008 u giet reza ezekuttiva fl-14 ta' Novembru 2009.

Illi x-xorta tad-dejn li l-intimat gie interpellat ili jhallas permezz tal-ittra ufficjali in kwistjoni hija evidentement dwar il-konsum tad-dawl u ilma u kera ta' meter fil-fond 29, Triq is-Selmun, Mellieha fuq il-kont bin-numru 964272210;

Ikkunsidrat;

Illi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 166A(4) tal-Kapitolu 12 jistipolaw illi:-

[1] Ara referta a fol. 14 *tergo*.
[2] U mhux fl-24 ta' Frar 2011 kif erronjament indikat fir-Rikors promotur.
[3] Kopja informali tal-ittra ufficjali giet annessa mar-Rikors promotur, a fol. 2.

"*Meta d-debitur ma jopponix it-talba, fi żmien tletin jum minn notifika tagħha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiż-żmien hawn qabel imsemmi, l-ittra uffiċjali għandha għar-rigward tat-talba hekk mhux op-posta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv bħallikieku dik l-ittra uffiċjali kienet inkluża fl-artikolu 253(a).*"

Fil-kaz *de quo*, oltre li kif gia` inghad l-ittra ufficjali bin-numru 3913/08 giet reza ezekuttiva, ma jirrizultax illi l-intimat kienx ipprezenta rikors ai termini tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 166A ghar-rexxissjoni tat-titolu ezekuttiv ottjenut bis-sahha tal-istess ittra ufficjali u dan entro t-terminu stipolati fl-istess subartikolu.

Konsegwentement, il-Qorti tqis illi l-Korporazzjoni rikorrenti ottjeniet titolu ezekuttiv ghall-hlas tad-debitu mertu tal-ittra ufficjali Numru 1913/08 bis-sahha tal-istess ittra ufficjali notifikata lill-intimat, liema titolu seta' jigi ezegwit skont kif prospettat fl-Artikolu 256 tal-Kap. 12.

Ikkunsidrat;

Illi madanakollu, l-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 jistipola illi wara:-

"*... l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proceduri mehudin skont l-Artikolu 166A seta' jigi esegwit,*
*l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kom-petenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.*"

Fil-kaz odjern, irrizulta abbondantement mill-atti li ghaddew iktar mill-hames (5) snin imsemmijin fl-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 mid-data meta giet rezas

ezegwibbli l-ittra ufficjali *de quo* minghajr ma gie ezegwit it-titolu ezekuttiv miksub fil-konfront tal-intimat[4].

Mill-atti jirrizulta ulterjorment illi r-rekwiziti tal-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 sabiex il-Korporazzjoni rikorrenti tmexxi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv minnha miksub bl-ittra ufficjali Numru 3913/08, jinsabu sodisfatti u dan billi evidentement, it-talba saret quddiem il-Qorti kompetenti u waqt l-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2019 rapprezentant tal-Korporazzjoni rikorrenti kkonferma wkoll bil-gurament illi d-dejn imsemmi fl-istess ittra ufficjali ghadu dovut minghand l-intimat.

Ghaldaqstant, it-talba tal-Korporazzjoni rikorrenti ghall-awtorizzazzjoni biex tezegwixxi t-titolu ezekuttiv ottjenut bl-ittra ufficjali Numru 3913/08, il-Qorti tqis li ma hemm ebda impediment sabiex hija tilqa' t-talba tal-istess rikorrenti.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tilqa' t-talba tal-Korporazzjoni rikorrenti u tawtorizza lill-istess Korporazzjoni rikorrenti sabiex tmexxi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottjenut fl-konfront tal-intimat Nazzareno Bartolo permezz tal-ittra ufficjali Numru 3913/08 li gietipprezentata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12, bl-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat.**

[4] Ir-Rikors promotur gie pprezentat fl-4 ta'Gunju 2018.